



PANEL DWAR L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ



Kitt ta' Tagħrif

Dwar dan **il-kitt**



L-ewwel nett, grazzi talli qbilt li tipparteċipa f'dan il-proċess. Nisperaw li ssibu informattiv, interessanti u pjaċevoli!

Inti wieħed minn 150 parteċipant magħżula b'mod każwali biex tiddiskuti l-effiċjenza enerġetika – suġġett magħruf sew li ħareġ fuq quddiem matul il-kriżi tal-enerġija reċenti. Flimkien, intom se tħarsu lejn modi differenti li permezz tagħhom aħna lkoll – l-industrija, id-djar, il-komunitajiet, is-settur pubbliku u privat – nistgħu nsiru aktar effiċjenti fl-enerġija b'mod realistiku u b'impatt. L-għarfien u l-konklużjonijiet kollettivi tiegħek se jkollhom rwol strumentali, peress li se jiġu ppreżentati lill-Kummissarji tal-UE u se jikkontribwixxu għat-tfassil tal-liġijiet u l-inizjattivi tal-UE f'dan il-qasam.

Dan il-'Kitt ta' Għarfien' iservi biex jiggwidak matul il-proċess. Huwa strutturat f'dawn il-fames taqsimiet:

1. **IL-PROĊESS: KIF JAĦDMU L-BORDIJET TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ?** 4
 Il-Bordijiet taċ-Ċittadini qed jimmiraw li jpoġġu liċ-ċittadini fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika pubblika. F'din it-taqsimi, nagħtuk ħarsa ġenerali fil-qosor dwar kif jaħdem il-proċess.
2. **IL-MANDAT: FUQ XIEX SE NKUN QED NAĦDEM?** 6
 Il-Kummissjoni Ewropea se jħitlikom flimkien biex twettqu kompitu speċifiku: hawn tista' ssib il-mistoqsija li inti mistieden twieġeb.
3. **IS-SUGĠETT: X' GĦANDI BŻONN INKUN NAF DWAR L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA?** 8
 M'għandekx għalfejn tkun espert biex tiegħu sehem fil-Bord taċ-Ċittadini. Aħna nixtiequ speċifikament nisimgħu l-fehma tiegħek ibbażata fuq l-esperjenza tiegħek u l-ħajja tiegħek ta' kuljum. Biex ngħinuk tibda, qed noffru xi informazzjoni bażika dwar l-effiċjenza enerġetika.
4. **IN-NIES WARA DAN L-AVVENIMENT: MIN QED JORGANIZZA DAN IL-BORD?** 12
 Hawnhekk, nispejgaw dwar l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet differenti responsabbli għall-bordijiet u r-rwoli rispettivi tagħhom.
5. **IL-LOĠISTIKA: LIEMA TIP TA' GĦAJNUNA SE NIKSEB BIEX NORGANIZZA U NĦALLAS L-IVVJAĠĠAR U L-AKKOMODAZZJONI?** 14
 Irridu nagħmlu l-parteċipazzjoni tiegħek bla xkiel kemm jista' jkun. Din it-taqsimi tkopri l-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż ta' kuljum tiegħek u informazzjoni Prattika oħra.





1/ Il-Proċess: kif jaħdmu l-Bordijiet taċ-Ċittadini Ewropej?

Fil-Bordijiet taċ-Ċittadini tal-Kummissjoni Ewropea, parteċipanti magħżula b'mod każwali mis-27 Stat Membru tal-UE jingħaqdu lkoll flimkien biex jiddiskutu liġijiet futuri ewlenin u inizjattivi oħra fil-livell Ewropew. Abbażi tad-diskussjonijiet tagħkom flimkien, se tiżviluppaw rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea se tqis fit-tnejn tal-politiki tagħha.

Il-Bordijiet twaqqfu wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa¹ li saret fl-2021-2022. Dak iż-żmien, 800 ċittadin magħżula b'mod każwali nġabru f'erba' Bordijiet taċ-Ċittadini Ewropej, b'kull bord jiltaqa' għal tliet sessjonijiet. Il-parteċipanti qasmu l-perspettivi u l-ideat tagħhom dwar suġġetti bħall-ekonomija, il-ġustizzja soċjali, l-impjegi, l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġh, l-isport, it-trasformazzjoni diġitali, id-demokrazija tal-UE, il-valuri, is-sigurtà, l-istat tad-dritt, it-tibdil fil-klima, is-

saħħa, il-migrazzjoni, u r-rwol tal-UE fid-dinja. Fi tmiem il-Bordijiet, il-parteċipanti ressqu 178 rakkomandazzjoni, li aktar tard influwenzaw id-49 proposta u aktar minn 300 miżura relatata li rriżultaw mill-Konferenza. Iċ-ċittadini parteċipanti tal-Konferenza appellaw għal opportunitajiet simili u aktar frekwenti għall-parteċipazzjoni futura taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika Ewropea. Bi tweġiba, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ħabbret aktar Bordijiet taċ-Ċittadini biex jikkonsultaw ċittadini magħżula b'mod każwali dwar kwistjonijiet ewlenin tal-UE.

Il-Bordijiet sussegwenti ttrattaw suġġetti ta' politika aktar speċifiċi: x'għandu jsir mill-ħela tal-ikel, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tad-dinja virtwali, u d-drittijiet u l-opportunitajiet għat-tagħlim u l-istudju f'pajjiżi oħra tal-UE. Il-parteċipanti setgħu jikkomunikaw bejniethom fil-lingwa tagħhom stess, grazzi għall-għajjnuna tal-interpreti.

Bħala membru tal-bord, dan huwa ċ-ċans tiegħek wara linja twila ta' ċittadini Ewropej sħabek – din id-darba – li tiffoka fuq is-suġġett tal-effiċjenza enerġetika.



¹ Tista' ssib informazzjoni dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hawn:

https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/conference-future-europe_mt



KIF JAĦDMU L-BORDIJET TAĊ-ĊITTADINI?

Kull Bord huwa magħmul minn 150 ċittadin magħżul b'mod każwali, mill-Istati Membri kollha tal-UE u rappreżentant tad-diversità tal-UE, li terz minnhom huma iżgħar minn 26 sena, biex tiġi żgurata diskussjoni tajba bejn il-ġenerazzjonijiet.

Il-Bord taċ-Ċittadini jgħaqqad ix-xogħol kollaborattiv fi gruppi żgħar (ta' madwar 12-il persuna) ma' xogħol plenarju (il-150 parteċipant kollha flimkien). Fil-gruppi ta' ħidma iżgħar, se jkollok l-opportunità li tiddiskuti aspetti differenti tal-effiċjenza enerġetika f'aktar dettall. Il-150 parteċipant kollha se jingħaqdu wkoll f'sessjonijiet "plenarji", biex jisimġu u jiddiskutu l-feedback mill-gruppi iżgħar.

Biex iwettqu dan ix-xogħol, il-membri tal-bord se jiġu appoġġjati minn tim ta' faċilitazzjoni. Dan it-tim huwa magħmul minn esperti fl-għajjnuna għall-ħidma fi gruppi. Huma se jgħinu biex ix-xogħol fi grupp ikun aktar dinamiku, biex joħorġu l-aħjar minn kull individwu u mill-grupp kollu kemm hu. Huma se jipprovdu wkoll liċ-ċittadini b'firxa ta' għodod għal xogħol kollaborattiv u teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi. Inti se tkun appoġġjat ukoll minn assistenti fuq il-post li se jipprovdu informazzjoni prattika, kif ukoll speċjalisti dwar l-effiċjenza enerġetika li se jkunu disponibbli biex jagħtuk parir kif meħtieġ matul il-proċess kollu.

IL-BORD TAĊ-ĊITTADINI DWAR L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Flimkien mal-149 parteċipant l-oħra, inti se tiltaqa' għal tliet sessjonijiet. Żewġ sessjonijiet se jsiru personalment fi Brussell u sessjoni waħda se tkun online:

- **Sessjoni 1:**
mit-23 sal-25 ta' Frar 2024
(fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)
- **Sessjoni 2:**
mill-15 sas-17 ta' Marzu 2024
(online permezz ta' għodda ta' konferenza bil-vidjo)
- **Sessjoni 3:**
mit-12 sal-14 ta' April 2024
(fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)

2 / Il-Mandat: Fuq xiex se nkun qed naħdem?

Id-diskussjonijiet tal-Bord se jiffukaw fuq aspetti differenti tal-effiċjenza enerġetika. B'mod partikolari se tkun qed tiddiskuti kif individwi differenti, awtoritajiet pubbliċi, l-industrija, is-settur privat u oħrajn jistgħu jkunu aktar effiċjenti fl-enerġija b'mod li jagħmel l-aktar impatt, pereżempju fuq il-klima, l-ekonomija, l-impjegi, is-saħħa jew fuq il-kontijiet tal-enerġija.

Ir-rakkomandazzjonijiet finali tal-Bord se jikkontribwixxu għal inizjattiva ta' politika li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni Ewropea aktar tard fl-2024. L-inizjattiva hija r-Rakkomandazzjoni tal-UE li jmiss dwar il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", li se tiġi spjegata wkoll fid-diskussjonijiet tal-bord bl-appoġġ ta' speċjalisti dwar is-suġġett. F'dan il-kuntest, il-mistoqsija li se tiggwida d-diskussjonijiet tiegħek matul il-Bord taċ-Ċittadini dwar L-Effiċjenza Enerġetika hija:

“Kif tista' l-Unjoni Ewropea tagħti prijorità lill-effiċjenza enerġetika u ġġib il-benefiċċji sħaħ tagħha għaċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi?”

FL-EWWEL SESSJONI,


inti se tiġi introdott għas-suġġett tal-effiċjenza enerġetika u għal liema azzjonijiet il-Kummissjoni Ewropea qed tieħu diġà f'dan il-qasam. Flimkien ma' speċjalisti fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-enerġija, inti se tikseb fehim aħjar ta' xi tisser l-effiċjenza enerġetika fil-ħajja tiegħek ta' kuljum kif ukoll tal-isfidi li tiffaċċja l-UE biex twassal il-benefiċċji tagħha għas-soċjetà Ewropea, filwaqt li taqşam dan ma' ċittadini li ġejjin minn pajjiżi differenti tal-UE.

FIT-TIENI SESSJONI,

li se ssir online, se tkompli taqşam u tiddiskuti ideat differenti. Din is-sessjoni se tagħxi bħala pont bejn is-sessjonijiet: waqtha inti se tibni fuq l-għarfien u l-oqsma diskussi fl-ewwel sessjoni u se taħseb b'mod kreattiv dwar soluzzjonijiet prattiċi biex tipprioritizza l-effiċjenza enerġetika. Fi kliem ieħor: f'din it-tieni sessjoni, se tibda tifformula l-ideat għar-rakkomandazzjonijiet. Dawn se jkunu relatati ma' azzjonijiet li kulħadd jista' jieħu biex ikun effiċjenti fl-enerġija, minn negozji, għal komunitajiet lokali, minn awtoritajiet pubbliċi għal konsumaturi individwali. Dawn jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet, pereżempju, dwar kif tikkonsma inqas enerġija mingħajr saġrifici, kif tiddefinixxi livell sostenibbli ta' konsum tal-enerġija jew kif ittejjeb l-ippjanar tal-enerġija biex tuża aħjar riżorsi limitati.

FIT-TIELET U L-AĦĦAR SESSJONI,

se tiffinalizzaw is-suġġerimenti tagħkom flimkien. Dawn se jikkontribwixxu għal inizjattiva Ewropea, b'mod partikolari f'dik li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-prinċipju L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel. Dan ifisser l-ittestjar u l-konsolidazzjoni tal-ideat inizjali tagħkom mit-tieni sessjoni, pereżempju billi tistaqsu lilkom infuskom jekk dawn l-ideat humiex ġusti għall-atturi kollha tas-soċjetà. Se tiddiskuti jekk jistgħux ikunu utli fl-Unjoni Ewropea kollha u jekk jissodisfawx l-aktar ftejjiet importanti tad-diversità taċ-ċittadini Ewropej. Se tiddiskuti wkoll il-miżuri konkreti li jinvolvu biex jinkoraġġixxu bidla fl-imġiba sostenibbli.



3 / Is-Sugġett: x'għandi bżonn inkun naf dwar l-effiċjenza enerġetika?

Issa li taf ftit aktar dwar il-proċess, eja niffukaw fuq is-suġġett innifsu. Aħna ġbarna din it-taqsimha qasira biex ngħinuk tifhem aħjar il-kwistjoni tal-effiċjenza enerġetika. Ovvjament, ma nistgħux inkopru l-aspetti kollha fi ftit paġni. Aħna għażilna għarfien li naħsbu li se jkun utli għalik bħala membru tal-Bord taċ-Ċittadini, u se tirċievi informazzjoni aktar dettaljata matul l-avveniment.

Nittamaw li din it-taqsimha tagħtik għarfien li jgħinek tagħmel sens mill-preżentazzjonijiet u tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet u l-attivitajiet tal-Bord. Dan jista' jkun biss l-ewwel punt ta' dħul. Serraħ moħħok li se tirċievi informazzjoni aktar dettaljata dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bord kollu u li tista' tistaqsi l-mistoqsijiet tiegħek ladarba jkun bdew is-sessjonijiet.

1. NIFHMU L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Kunċett familjari jista' jkun dak tal-“iffrankar tal-enerġija”. L-iffrankar tal-enerġija jfisser li jiġu evitati użi ħżiena tal-enerġija. Inqas ma nużaw enerġija, inqas għandna bżonn nipproduċu. F'termini prattiċi, dan ifisser li nitfu l-heater jew nitfu d-dwal meta ma jkollniex bżonnhom. L-iffrankar tal-enerġija huwa l-aktar mod dirett biex tintuża inqas enerġija u tiġi evitata l-ħela.

Imma x'inhi «effiċjenza enerġetika»? Dan ifisser li tintuża inqas enerġija biex jitwettagħ l-istess kompitu, biex jinkiseb l-istess riżultat, l-istess servizz. Pereżempju, l-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-iżolament ta' dar tfisser li tintuża inqas enerġija għat-tiħin u t-tkessiħ filwaqt li tinżamm l-istess kumdità termali. Eżempju ieħor: Is-sewqan ta' karozza aktar effiċjenti li tuża inqas fjuwil iżda għandha l-istess veloċità u prestazzjoni.

B'mod ġenerali, hemm żewġ modi kif tittejjeb l-effiċjenza enerġetika: (1) l-użu ta' teknoloġija jew proċess ta' produzzjoni aktar effiċjenti, pereżempju, is-sewqan ta' karozza aktar effiċjenti fil-fjuwil jew is-sostituzzjoni ta' friġġ qadima b'waħda effiċjenti fl-enerġija, u (2) il-bidla fl-imġiba ta' dak li jkun pereżempju, li jitfi l-heater jew jitfi d-dwal meta ma jkollux bżonnhom.

Nifhmu s-sistema tal-enerġija kollha


Madankollu, li nsiru aktar effiċjenti fl-enerġija mhix biss dwar liema teknoloġija napplikaw jew dwar l-imġiba tagħna. L-enerġija trid tiġi prodotta u distribwita qabel ma nkunu nistgħu nużawha. Għalhekk, biex inkunu aktar effiċjenti fl-enerġija fis-soċjetà, għandna bżonn naħsbu wkoll dwar is-sistema tal-enerġija kollha u kif nippanawha. Is-sistema tal-enerġija fiha tliet komponenti: il-produzzjoni tal-enerġija, id-distribuzzjoni tal-enerġija u l-konsum tal-enerġija.

L-ispjegazzjoni tal-prinċipju L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel (EE1st)

L-Effiċjenza Enerġetika l-Ewwel hija prinċipju gwida li jagħti prijorità lill-effiċjenza enerġetika fuq alternattivi aktar għoljin għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. Jew biex inpoġġuha mod ieħor: il-prinċipju EE1st għandu l-għan li jpoġġi livell ugwali ta' investimenti fin-naħa tal-provvista u n-naħa tad-domanda. Dan ifisser li meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-enerġija jew dwar l-investiment, għandhom jitqiesu d-dimensjonijiet kollha tal-effiċjenza enerġetika: inklużi l-produzzjoni u l-konsum. L-għan huwa li jiġi żgurati li daww l-azzjonijiet ikunu ta' benefiċċju jew aktar kosteffettivi minn miżuri oħra. Fil-prattika, il-prinċipju EE1st irid jikseb l-effiċjenza enerġetika fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-enerġija billi jikkunsidra alternattivi differenti fost diversi miżuri possibbli fl-Unjoni Ewropea kollha. Dan huwa eżempju wieħed tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fl-ippjanar tad-deċiżjonijiet: minflok ma jżid il-produzzjoni tas-sħana u l-kapaċità tan-network tad-distribuzzjoni tas-sħana, il-gvern jiddeċiedi li jibda programm fuq skala kbira biex jirranġa l-bini. Id-djar iżolati aħjar jeħtieġu inqas sħana, li jfisser li trid tiġi prodotta u distribwita inqas enerġija. L-applikazzjoni tal-prinċipju EE1st tfisser il-fatturazzjoni ta' għażliet oħra għajr iż-żieda fil-volum jew il-produzzjoni.


IS-SISTEMA TAL-ENERĠIJA LLUM

flussi lineari u ħżiena tal-enerġija,
fid-direzzjoni onr biss



IT-TRAWWIM TAS-SISTEMA TAL-ENERĠIJA INTEGRATA TAL-UE

il-flussi tal-enerġija bejn l-utenti u l-produtturi,
it-tnaqqis tar-riżorsi u l-flus moħlija



- **Il-Produzzjoni tal-Enerġija**

L-enerġija tista' tiġi prodotta minn sorsi differenti. Dawn is-sorsi huma fossili (faħam, gass, żejt), nukleari, jew rinnovabbli (riħ, xemx, ilma, bijomassa). Pereżempju, il-faħam jista' jinħaraq biex jipproduċi l-elettriku jew is-sħana, u ż-żejt jew il-bijofjuwils użati għall-mobilità. Dan jissejjaħ ukoll "in-naħa tal-provvista".

- **Id-Distribuzzjoni tal-Enerġija**

L-enerġija trid tiġi ttrasportata mill-produttur għall-konsumatur sabiex tkun tista' tintuża. Id-distribuzzjoni tal-enerġija tirrikjedi infrastruttura li tikkonsisti minn grilji għall-elettriku, pipelines għan-networks tad-distribuzzjoni taż-żejt u tal-gass jew tas-sħana.

- **Il-Konsum tal-Enerġija**

L-enerġija tiġi kkunsmata b'diversi modi: l-apparat li jħaddem, is-sewqan tal-karozzi, il-produzzjoni ta' oġġetti jew materjali, it-tiħin tal-bini. Il-konsumaturi tal-enerġija jinkludu ċittadini, awtoritajiet pubbliċi jew intrapriżi. Dan jissejjaħ "in-naħa tad-domanda".

Biex ittejjeb is-sistema tal-enerġija kollha u tippromwovi l-effiċjenza enerġetika madwar l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li ssaħħaħ il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel".

² Tista' ssib il-pubblikazzjoni fl-ingwi differenti hawn: https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-systems-integration/eu-strategy-energy-system-integration_en?e-trans=bq&etransolive=1

Bl-EE1st, l-għażliet kollha jitqiesu, filwaqt li jiġu peżati l-ispejjeż u l-benefiċċji, u tintgħażel l-aħjar alternattiva li tgħib l-akbar benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi, minħabba li l-effiċjenza enerġetika tipprovdi għal għażliet kost-ottimali.

2. IL-KUNTEST POLITIKU TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA TIĠI L-EWWEL FIL-LIVELL TAL-UE

L-effiċjenza enerġetika tirrappreżenta element ewlieni meta niġu għal kif it-tranżizzjoni enerġetika tista' tiżviluppa. Għandha l-potenzjal li tindirizza l-fallimenti u n-nuqqasijiet tal-arkitettura attwali tas-settur tal-enerġija, tnaqqas l-ispejjeż għas-soċjetà u tiżgura l-aktar riżultat sostenibbli tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Is-setturi kollha li jużaw l-enerġija, bħall-bini, it-trasport jew l-industrija, jista' jkollhom ir-rwol ta' «konsumaturi attivi» u EE1st se jiżgura li dan ir-rwol attiv tal-konsumaturi jintuża għall-potenzjal sħiħ tiegħu biex tiġi massimizzata l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija u tiġi eliminata kwalunkwe forma ta' ħela tal-enerġija.

L-effiċjenza enerġetika hija ċentrali għat-tranżizzjoni enerġetika u hija parti mill-għan li l-Unjoni Ewropea ssir newtrali għall-karbonju sal-2050. In-newtralità tal-karbonju tfisser li l-emissjonijiet tal-karbonju jitnaqqsu għal kważi żero biex jitnaqqsu l-effetti dannużi tat-tibdil fil-klima. Parti kbira mill-emissjonijiet tal-karbonju tal-UE hija marbuta mal-użu tal-enerġija fl-UE. It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija permezz tal-effiċjenza enerġetika huwa għalhekk pass meħtieġ. L-effiċjenza enerġetika, għalhekk, għandha rwol ewlieni fi f'dan il-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u fl-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri tal-UE. It-tqegħid tal-effiċjenza enerġetika fil-qalba tas-soċjetà tagħna huwa pass loġiku biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, jiġu ottimizzati l-flussi tal-enerġija u tiġi eliminata l-ħela tal-enerġija għalja, filwaqt li jiġu ppreservati l-istess kumdità, servizzi, u libertà.

Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea tqiegħed il-prinċipju «L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel» (EE1st) bħala prinċipju gwida tat-tranżizzjoni enerġetika. Dan il-prinċipju huwa rregolat fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika. Direttiva hija att legali tal-Unjoni Ewropea li jstabilixxi għan li l-pajjiżi tal-UE jridu jilhqqu. Madankollu, huwa f'idejn il-pajjiżi individwali nfishom li jfasslu l-liġijiet tagħhom stess dwar kif jilhqqu dawn l-għanijiet. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-2023 tagħti lill-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel rwol aktar b'saħħtu fit-tfassil tal-politika, l-ippjanar u d-deċiżjonijiet ta' investiment.

3. X' BENEFIĊĊJI NISTGĦU NISTENNEW MILL-PROMOZZJONI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA?

Kif imsemmi qabel, l-effiċjenza enerġetika hija vitali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju, xi ħaġa li hija speċjalment vera fil-produzzjoni tal-enerġija. Inqas ma jiġu emessi gassijiet serra permezz tal-produzzjoni tal-enerġija, eż. fl-impjanti tal-enerġija mill-faħam, aktar l-UE tkun tista' tiġġieled it-tibdil fil-klima. Iżda l-effiċjenza enerġetika għandha haġna aktar effetti. Dawn il-benefiċċji usa' huma tajbin għall-individwi u s-soċjetà.

L-effiċjenza enerġetika tnaqqas il-kontinuità tal-enerġija u l-ispejjeż relatati għaċ-ċittadini u l-kumpaniji – li jeħtieġ li jonfqu inqas flus fuq l-enerġija. Iżda l-effiċjenza enerġetika hija wkoll ta' benefiċċju finanzjarju għall-gvernijiet nazzjonali u lokali. Dan inaqas l-ispiża ġenerali tas-sistema billi jirrikjedi inqas investiment fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija. Għalhekk jgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż pubbliċi li jippermettu allokkazzjoni aħjar tal-baġits pubbliċi.

L-effiċjenza enerġetika ttejjeb ukoll il-kompetittività tan-negozju fuq żewġ livelli. Il-kumpaniji jistgħu jbigħu teknoloġiji jew servizzi innovattivi tal-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, l-intrapriżi effiċjenti fl-enerġija għandhom vantaġġ komparattiv fuq il-kompetituri li għandhom spejjeż ogħla tal-enerġija.

L-użu tal-enerġija mhux biss jemetti d-diossidu tal-karbonju iżda wkoll emissjonijiet oħra ta' ħsara, bħall-materja partikulata. Dawn huma partikelli mikroskopiċi fl-arja li jistgħu jippenetraw fil-fond fil-pulmuni u huma ta' ħsara għas-saħħa. It-tnaqqis tal-użu tal-enerġija għalhekk ittejjeb ukoll is-saħħa tan-nies permezz ta' kwalità tal-arja aħjar.

L-Istati Membri tal-UE jimportaw il-biċċa l-kbira tas-sorsi tal-fjuwil tagħhom minn pajjiżi oħra. It-tnaqqis tal-użu tal-enerġija għalhekk inaqas dawn l-importazzjonijiet tal-fjuwil. Dan se jżid ir-reżiljenza tal-ekonomija tagħna kif ukoll is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħna. Dan huwa partikolarment importanti fi żminijiet ta' kriżi jew gwerra, kif urew l-avvenimenti reċenti.

Fl-aħħar nett, l-effiċjenza enerġetika mtejjba toffri impjieg b'ħiliet u opportunitajiet ta' taħriġ. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda tal-effiċjenza enerġetika jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet. Forza tax-xogħol imħarrġa aħjar tfisser impjieg b'paga ogħla u opportunitajiet ta' impjieg aħjar.

³ Tipi ta' leġiżlazzjoni tal-UE:

https://european-union.europa.eu/institutions-law-budget/law/types-legislation_mt

⁴ Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika:

https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/energy-efficiency-targets-directive-and-rules/energy-efficiency-directive_en



4. X'JISTA' JFIXKEL L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA?

Mela, jekk l-effiċjenza enerġetika hija tant ta' benefiċċju għas-soċjetà u għall-individwi, għaliex mhijiex aktar avvanzata? X'inhuma l-ostakli biex insiru aktar effiċjenti fl-enerġija? L-ewwel, hemm nuqqas ta' informazzjoni. L-effiċjenza enerġetika reċentement saret suġġett popolari ta' diskussjoni pubblika. Ħafna ċittadini, intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi mhumiex konxji tal-benefiċċji tagħha. Dan jestendi wkoll għal nuqqas ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-investimenti tal-effiċjenza enerġetika.

Il-bidla għal teknoloġiji aktar effiċjenti fl-enerġija spiss tirrikjedi investimenti bil-quddiem. L-ispiża ta' tali investiment tista' tkun pjuttost għolja. Ħafna drabi l-konsumaturi u l-intrapriżi ma jkollhomx finanzjament għal teknoloġiji jew oġġetti aktar effiċjenti minkejja li tali investiment jista' jkun ta' benefiċċju ekonomiku fit-tul. Ostaklu ieħor għal effiċjenza akbar jista' jkun f'benefiċjarji differenti, imsejħa wkoll "inċentivi maqsuma". Xi kultant il-persuna li tinvesti fl-effiċjenza enerġetika ma tibbenefikax direttament mill-investiment. Pereżempju, jekk sid jirrinova l-bini tiegħu jew jixtri sistema tat-tisħin ġdida, il-kerrej biss jibbenefika mill-kontijiet tal-enerġija aktar baxxi.

L-investiment fl-effiċjenza enerġetika mhux biss jirrikjedi finanzjament iżda wkoll il-forza tax-xogħol biex timplimenta l-miżuri. Għalkemm xi Stati Membri tal-UE huma aktar affettwati minn oħrajn, ġeneralment hemm nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, speċjalment għar-rinnovazzjonijiet tal-bini. Iżda hemm ukoll ostakli mhux ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu max-xejriet tal-imġiba tagħna: In-nies – bħala konsumaturi, f'intrapriżi jew f'awtoritajiet pubbliċi – għandhom it-tendenza li jkollhom preferenza għall-istatus quo. Jekk xi ħaġa ħadmet fil-passat, allura għaliex għandna nibdluha?

Barra minn hekk, ir-riċerka wriet li l-kisbiet fl-effiċjenza enerġetika spiss jitnaqqsu minn bidla fl-imġiba tal-konsumatur jew fil-proċessi tal-produzzjoni. It-titjib fl-effiċjenza spiss iwassal għal tnaqqis tal-ispejjeż li jipprovdi l-possibilità li wieħed jixtri aktar mill-prodott imtejjeb jew juża l-prodott b'mod differenti. Pereżempju, il-kisbiet f'magni aktar effiċjenti jistgħu jwasslu għal karozzi akbar u itqal jew sewwieqa li jivvjaġġaw aktar jew aktar ta' spiss. Dan jissejjaħ "l-effett ta' rikorrenza".

Barra minn hekk, l-ostakli regolatorji jista' jkollhom impatt fuq il-progress u l-adozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika fl-UE. Din tista' tinkludi leġiżlazzjoni skaduta, inkonsistenza u/jew nuqqas ta' armonizzazzjoni madwar l-Istati Membri tal-UE, rekwiżiti amministrattivi kumplessi, inċentivi inadegwati (pereżempju mmirati lejn il-fjuwils fossili). L-isforzi biex jingħelbu dawn l-ostakli jinvolvu kombinament ta' riformi leġiżlattivi, inċentivi finanzjarji adegwati u kollaborazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE.

5. X'JISTA' JSIR FIL-LIVELL TAL-UE? X'INHUMA L-VANTAĠĠI GĦAĊ-ĊITTADINI?

Biex jiġu indirizzati l-ostakli msemmija hawn fuq, l-UE ħadet varjetà ta' miżuri ta' politika. Ir-rakkomandazzjoni li jmiss imsemmija hawn fuq se tinkludi linji gwida speċifiċi għas-settur dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel.

Kull sena, il-Kummissjoni tadotta l-programm ta' ħidma annwali tagħha li jstabilixxi l-lista tal-aktar azzjonijiet importanti li se tiegħu fis-sena li ġejja. Il-Programm ta' Ħidma jinforma lill-pubbliku u lill-koleġiżlaturi dwar l-impenji politiċi tagħna li nippreżentaw inizzjattivi ġodda, nirtiraw proposti pendenti u nwettqu rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE. Ix-xogħol tiegħek se jidhul fil-Programm ta' Ħidma tal-2024.

Iċ-ċittadini jistgħu jaġixxu b'diversi modi biex itejbu l-effiċjenza enerġetika. L-ewwel jistgħu jibdeu jirriflettu fuq l-imġiba tagħhom stess tal-konsum tal-enerġija. Huma jistgħu jsiru aktar infurmati u konxji. Iżda fuq livell politiku, iċ-ċittadini jistgħu jitolbu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jintroduċu jew itejbu r-regolamentazzjoni li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-ippjanar tal-enerġija. Għalkemm jiddependi fuq kuntesti nazzjonali differenti, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, taħriġ u awditjar, li jipprovdu inċentivi finanzjarji, projbizzjonijiet u investimenti fl-infrastruttura bħat-trasport pubbliku jew appoġġ għal inizzjattivi komunitarji. Biex tingħata prijorità lill-effiċjenza enerġetika fil-proċessi ta' ppjanar, l-UE tista' tistabilixxi l-qafas ta' politika għall-Istati Membri biex jimplementaw il-prinċipju L-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel – u iċ-ċittadini għandu jkollhom vuċi fil-formulazzjoni ta' dan il-qafas.

4 / Min qed jorganizza dan il-Bord?

Il-Bord taċ-Ċittadini dwar l-Effiċjenza Enerġetika huwa organizzat mill-Kummissjoni Ewropea (Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija) bl-appoġġ ta' ifok (kuntrattur ewlieni), Missions Publiques, BeenThereDoneThat, Waterbear, Ambitu, Harris Interactive, Le Terraine, u VO Europe.

Id-diskussjonijiet tal-Bord se jkunu ggwidati u mogħtija pariri minn "Kumitat tal-Għarfien" iddedikat, li l-membri tiegħu huma:

Arianna VITALI ROSCINI

(Segretarju Ġenerali, Il-Koalizzjoni għall-Iffrankar tal-Enerġija, l-Italja)

Camille DEFARD

(Kap taċ-Ċentru tal-Enerġija Jacques Delors, Franza)

Claire ROUMET

(Politika tal-UE u Sħubijiet Strateġiċi, Bliet tal-Enerġija, Franza)

Goda PERLAVICIUTE

(Professur tal-Psikoloġija Ambjentali, l-Università ta' Groningen, il-Litwanja)

Wyste GORTER

(Riċerkatur Junior għall-Psikoloġija Ambjentali, Università ta' Groningen, l-Olanda)

Jan ROSENOW

(Direttur tal-programmi Ewropej, Proġett ta' Assistenza Regulatorja (RAP), il-Ġermanja)

Reinhard SIX


(Konsulent Indipendenti, Espert dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, il-Ġermanja)

Yves MARNIGNAC

(Kap tad-Dipartiment tal-Enerġija mill-Fjuwils Nukleari u Fossili, Institut négaWatt, Franza)

Claudia CANEVARI

(Kap tal-Unità, Unità tal-Effiċjenza tal-Enerġija: Politika u Finanzjament, Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Kummissjoni Ewropea)



5 / Informazzjoni prattika

Nistennew bil-ħerqa li nilqgħuk għall-Bordijiet taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika li jibdew il-Ġimgħa 23 ta' Frar fi Brussell, il-Belġju. Jekk jogħġbok ara hawn taħt xi informazzjoni Prattika biex tħejji għall-vjaġġ tiegħek u l-parteċipazzjoni tiegħek fil-laqgħat. Bħala tfakkira:

Żewġ sessjonijiet se jsiru personalment (fi Brussell) u sessjoni waħda se tkun online (il-Ġimgħa u l-Ħadd se jkunu programmi ta' nofs jum):

- **Sessjoni 1**
mit-23 sal-25 ta' Frar 2024
(fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)
- **Sessjoni 1**
mill-15 sas-17 ta' Marzu 2024
(online)
- **Sessjoni 1**
mit-12 sal-14 ta' April 2024
(fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)

1. SPEJJEŻ

Se tiġipprovduta tariffa ta' kumpens ta' EUR 90.00 għal kull konferenza u jum tal-ivvjaġġar. It-tariffi ta' kumpens jitħallsu wara s-sessjonijiet u l-parteċipazzjoni tiġi kkonfermata fuq lista ta' attendenza.

2. IL-LOĠISTIKA

ARRANĠAMENTI TAL-IVVJAĠĠAR

Inti rċevjt, jew se tirċievi, l-itinerarju tal-ivvjaġġar u l-Biljett elettroniku tiegħek. Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-arranġamenti tal-ivvjaġġar tiegħek, jekk jogħġbok għidilna billi tikkuntattjana fuq info@futureu.events jew billi ċċempel fuq +32 460 22 40 27.

Trasferimenti mal-wasla: Mal-wasla tiegħek fl-ajruport/ stazzjon tal-ferrovija, inti se tiġi milqugħ mill-persunal tal-Bordijiet taċ-Ċittadini Ewropej li se jkollhom bord jew kartellun ta' merħba, li se jakkumpanjak għax-xarabank tat-trasferiment. Jekk tiltaqa' ma' diffikultajiet biex issib il-persunal, jekk jogħġbok ċċempel fuq +32 460 22 40 27.

Bl-ajruplan: Fl-ajruport, wara li tiġbor il-bagalji tiegħek, jekk jogħġbok aġġmel triqtek lejn l-iskrivanija ta' korteżija fit-Terminal tal-Wasliet fejn il-persunal tagħna se jkun qed jistennik.

Bil-ferrovija: Fl-istazzjon tal-ferrovija ta' Brussell Midi, jekk jogħġbok aġġmel triqtek lejn il-kafè Prêt à Manger fejn il-persunal tagħna se jkun qed jistenna b'bord/ kartellun ta' merħba.

Fil-lukanda: It-trasferimenti tal-karozzi tal-linja se jiġu organizzati mil-lukanda tiegħek għall-bini tal-Kummissjoni Ewropea, fejn se jsiru l-Bordijiet. Jekk jogħġbok ippreżenta ruħek fis-sala ewlenija tal-lukanda qabel il-ħin skedat tat-tluq. It-tim tagħna se jurik it-triq lejn ix-shuttle. Jekk tippreferi tasal fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea waħdek, jekk jogħġbok avża lit-tim ta' appoġġ tagħna qabel ma titlaq.

Ladarba fi Brussell: Jekk avvenimenti soċjali bħal ikliet ta' filgħaxija jsiru wara l-laqgħat, allura se jiġu organizzati trasferimenti fi gruppi b'shuttle bus mill-bini tal-Kummissjoni Ewropea għall-post tal-avveniment soċjali. Wara, se jkun hemm trasferimenti fi gruppi permezz ta' shuttle bus mill-post lejn il-lukanda tiegħek. Naturalment inti liberu li tesplora l-belt wara l-avveniment soċjali u tagħmel triqtek lura lejn il-lukanda b'mod indipendenti.

Trasferimenti mat-tluq: Aħna se nieħdu f'sieb it-trasferimenti mil-lukanda tiegħek għall-ajruport/ stazzjon tal-ferrovija tat-tluq. Il-ħin tat-tluq se jiġi indikat fuq bord ta' avviż fil-lobby tal-lukanda.

AKKOMODAZZJONI

It-tim tagħna se jilqgħek mal-wasla fil-lukanda. Kamra single, b'kolazzjon u Wi-Fi bla ħlas g'iet ibbukkjata għalik. Jekk jogħġbok irreferi għall-konferma tal-booking tiegħek mibgħuta bl-email. Jekk jogħġbok innota li inti se tkun responsabbli biex tkopri l-ispiża tal-extras kollha (eż. minibar, servizz tal-kamra, telefon, bar tal-lukanda, servizz tal-ħasil tal-ħwejjeġ, checkin bikri jew check-out tard, eċċ.) u mhux se tkun koperta mill-organizzaturi. Jekk jogħġbok ħallas l-ispejjeż żejda kollha direttament fil-lukanda qabel it-tluq tiegħek.

3. MIXXELLANJI

- **Kodiċi tal-ilbies**

Jekk jogħġbok ġib ħwejjeġ smart-casual għal-laqqgħat, għaketta sħuna u xalpa u kowt tax-xitwa li ma jgħaddix ilma minnu kif ukoll żraben sħan u komdi u umbrelel għal barra. It-temperaturi probabbilment se jkunu madwar 7°C u fitit ogħla f'April, iżda ejja ppreparat għal temp Belġjan li jista' jinbidel!

- **Ilma tax-Xorb**

L-ilma tal-vit huwa sikur għax-xorb fil-Belġju. Ilma fil-flixxun jew ilma ffiltrat huwa faċilment disponibbli u se jiġi offrut matul il-laqqgħat, l-iklet u l-avvenimenti soċjali kollha.

- **Żona tal-ħin**

Il-ħin kurrenti huwa CET — Ĥin tal-Ewropa Ċentrali (UTC/GMT +1 siegħa u UTC+2 mill-31 ta' Marzu).

- **Informazzjoni dwar it-Turiżmu**

Brussell hija rikka fl-istorja, fl-arkitettura, il-gastronomija, il-kultura u ħafna aktar! Tista' tikkonsulta s-sit web tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali biex tiskopri l-attivitajiet kulturali kollha offruti matul iż-żjara tiegħek.

- **Kuntatt**

It-tim tagħna se jkun disponibbli qabel u matul il-laqqgħat. Jekk tiltaqa' ma' xi diffikultajiet mal-wasla, jew jekk id-dettalji tat-tijira tiegħek inbidlu, jekk jogħġbok ikkuntattjana permezz tal-email: info@futureu.events.

- **Interpretazzjoni**

Il-laqqgħa se tkun disponibbli f'24 lingwa grazzi għal tim ta' interpreti professjonali. Biex tgħinhom, jekk jogħġbok tkellem b'mod ċar u evita li titkellem malajr wisq matul is-sessjoni tiegħek.

4. AĊĊESS GĦALL-BINI

L-ewwel u l-aħħar tmiem il-ġimgħa tal-Bord se jsiru fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Jekk jogħġbok irreferi għall-aġenda għal aktar informazzjoni dwar il-bini u l-kmamar eżatti. Il-bini tal-Kummissjoni Ewropea huwa aċċessibbli b'pass tal-viżitaturi ("V-pass"). «V-pass» se jintbagħatlek permezz ta' email qabel l-avveniment. Jekk jogħġbok tinsieix tirreġistra permezz ta' din l-email biex tiffinalizza l-proċess u tikseb il-kodiċi QR tal-V-pass tiegħek. Jekk ma tkunx irċevejt il-V-pass tiegħek qabel l-avveniment, jekk jogħġbok ikkuntattjana permezz tal-email : info@futureu.events

Jekk jogħġbok innota li tista' tieħu mill-inqas 20 minuta biex tlesti l-kontroll tas-sigurtà mal-wasla fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġbok lesti l-V-pass, il-karta tal-identità jew il-passaport tiegħek peress li l-persunal tas-sigurtà se jitolbu biex jarawhom.

Il-parteċipanti kollha:

- huma meħtieġa juru passaport jew karta tal-identità valida qabel ma jidħlu fil-bini;
- huma meħtieġa jgħaddu minn kontrolli tas-sigurtà fiż-żona tad-dħul;
- huma avżati biex iġorru l-ittra tal-istedina jew kwalunkwe dokument ieħor li jindika b'mod ċar il-parteċipazzjoni tagħhom (eż. posta tar-reġistrazzjoni)

5. HELPDESK, AĊĊESS GĦALL-INTERNET

Se jkun hemm helpdesk fid-daħla tal-kmamar tal-laqqgħat. Il-persunal tagħna se jgħinek u jwieġeb għal kwalunkwe mistoqsija li tixtieq tagħmel. L-internet jista' jiġi aċċessat permezz tal-hotspots tal-Wi-Fi. Il-passwords se jiġu kondiviżi fil-jum tal-laqqgħa.

6. AĊĊESSIBILITÀ

Il-bini tal-Kummissjoni Ewropea huwa kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Meta tirreġistra online, jekk jogħġbok indika kwalunkwe ħtiġijiet speċjali u rekwiżiti tad-dieta.



